# Beati u Qaddisin...Gunju

## BEATA MIKELINA MINN PESARO (1300 – 1356)
## 20 TA' GUNJU

Mikelina twieldet gewwa Pesaro, qrib Loretu, fl-Italja fis-sena 1300. Il-familja taghha, Matelli kienet wahda sinjura u



meta kellha 12 sena izzewget ragel sinjur, nisel tal-familja Malatesta. It-tfaja kienet wahda li l-problemi ma jaghmlux biha. Dejjem kienet tibqa' ferhana u bit-tbissima anke meta jigi fuqha xi saram.

Ta' 20 sena sfat armla u kellha tiehu hsieb trabbi lil binha ghadu tarbija, wahedha. Hajjitha saret giri 'l hawn u 'l hemm biex forsi issib xi ftit tal-kuntentizza. Imma dahqet biha nnifisha ghaliex l-ikliet, festini u tbahrid ma jnisslux il-veru ferh.

Indunat, pero', li dik il-hajja kienet kawza li minhabba fiha kienet qed titraskura lil binha. Flusha u hinha riedet

tuzahom aktar bil-ghaqal. U minn dak in-nhar li rat l-izball taghha, iddecidiet li tbiddel il-hajja taghha ghall-hajja aktar ta’ responsabilita’.

Kawza tal-bidla fil-hajja taghha kienet wahda mara qaddisa Sirjana, Frangiskana lajka, li meta ndunat li Mikelina ma kienitx mara hazina, offritilha ftit ta’ direzzjoni spiritwali. Saru hbieb u bl-influwenza ta’ din il-mara qaddisa, Mikelina bdiet tiehu hsieb aktar ta’ binha, saret mara galbata u fuq kollox sabet hin ghat-talb.

Il-hin taghha liberu ma baqghetx tghaddih fix-xalar, izda f’ghajnuna lil dawk fil-bzonn, bhal foqra u morda u romol.

Wara marda binha miet, u sabet aktar hin ghall-volontarjat fost dawk fil-bzonn. Dahlet ukoll lajka frangiskana u bdiet tqassam gidha lill-foqra. Niesha ma hadux pjacir izda meta ikkonvincew ruhom li Mikelina kienet ruh qaddisa, biddlu fehmithom.

Baqghet tghix gewwa darha f’Pesaro hajjitha kollha sakemm mietet ta’ 56 sena, fid-19 ta’ Gunju 1326. Kellha x-xorti li tmur pellegrinagg fl-Art Imqaddsa ftit qabel ma mietet u dawk li kienu maghha jistqarru li fuq il-kalvarju raw lil Mikelina f’estasi.

Bhala sinjal ta’ rispett, in-nies ta’ Pesaro ddecidew li jhallu xemgha tixghel fid-dar fejn kient tghix.